MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 334/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**David Paris**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Dicembru, 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer

1. volontarjament, bi kliem, insulenta jew hedded lil Michael Carabott;
2. fl-istess data u hin, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Michael Carabott, wegghu bi kliem, gesti, kitba, b'disinn jew b'mod iehor;
3. fix-xhur ta' qabel, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil Michael Carabott u b'mod li kien jaf jew kien imissu jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni ta’ ligi w li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 339(e), 252(1), 251A, 341 u 17 tal-Kap. 9 , sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu piena komplessiva ta’ xahrejn prigunerija w iddecidiet li ma tiehux provedimenti ohra taht u ghab-bazi tal-artikolu 383 tal-Kap. 9. Fir-rigward ix-xahrejn prigunerija, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9, issospendithom ghal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena, jew jekk din it-talba ma tistax tintlaqa’, li l-piena mposta tigi ridotta ghar-ragunijiet msemmija ghal ohra minuri w iktar xierqa, kif intqal.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti, u cioe' li l-e-mails allegatament mibghuta minn David Paris mhumiex ammissibbli bhala prova kontra tieghu. Dawn huma ezercizzju ta' *"cut and paste"* mhux debitament kontrollati jew awtentikati kif trid il-ligi w, fl-ahjar ipotesi, jirraprezentaw naha wahda minn konversazzjoni elettronika li ma tistax isservi bhala l-ahjar prova. L-istess ghall-okkorrenzi tal-Pulizija. Kien jehtieg li dawn jigu esebiti mill-ufficjali li ghamluhom sabiex jikkonfermaw l-awtenticita' tar-rapport u tal-fatti rapportati. Li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant kien ammetta li baghat l-e-mails u ghalhekk ghamlet referenza ghal dawn l-okkorrenzi in sostenn ta' din il-konkluzzjoni . Imma l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi li l-e-mails li ammetta li baghat l-appellant huma dawk li kellha quddiemha in sostenn tal-akkuzi. Illi mill-affidavit ta' PC 645 jirrizulta li meta l-appellant gie investigat minnu, l-appellant cahad l-

allegazzjonijiet fil-konfront tieghu w cahad li numru partikolari ta' mobile phone kien tieghu. L-*e-mail address* kif rapportat fuq l-affidavit ma jaqbilx ma dak li jillanja minnu Michael Carabott. Infatti rrizulta li n-numru sa mill-ahhar t' Ottubru, 2007, kien inghata lil certa Rita Carabott li ma ngabitx tixhed. Il-prova li ngabet dwar messaggi li allegatament baghat l-appellant tindika li dawn intbaghtu fix-xahar ta' Novembru, 2007 u wara, meta dal-mobile ma kienx ghadu ghandu. Li fost id-dokumenti li mhumiex ammissibbli hemm ukoll estratti minn HI 5 site suppost tal-appellant, imma kif jista' wiehed jaghti fastidju permezz ta' informazzjoni li titqieghed fuq sit li ma jigix komunikat, izda li ghalih tiehu access BISS jekk trid? Illi anki jekk, ghal grazzja tal-argument, wiehed iqis l-e-mails esebiti bhala prova, hu fatt rikonoxxut li Michael Carabott seta' facilment jipprogramma s-sit tal-*e-mail address* tieghu sabiex jimblokka d-dhul tal-*e-mails* mhux mixtieqa u b' hekk ma jsofri ebda fastidju. Ghalhekk din il-Qorti kellha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti stante l-faqar anzi l-inammissibilita' tal-provi in sostenn tal-akkuzi. Sussidjarjament, anki jekk dawn saru, tenut kont tal-puwerilita' tal-komunikazzjonijiet, il-piena tal-inkarcerazzjoni, anki jekk sospiza, hija eccessiva w kien ikun aktar xieraq kieku l-appellant gie liberat taht kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien li jigi impost fuqu.

Semghet ix-xhieda fl-udjenzi tal-15 u 29 ta' Jannar, 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

Illi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti il-kwerelant **Michael Carabott** xehed li hu w l-appellant kellhom relazzjoni bejn zewg irgiel u wara li spiccaw beda jara hafna affarijiet, ezempju jircevi e-mails ta' theddid. Darba

minnhom hu kien ghaddej bil-karozza w l-appellant ipprova jidhol fih. Dan kien f' Novembru 2007. Kien anki jircevi telefonati fuq il-mobile u jghidlu li jekk jarah barra jatihielu fuq wiccu, jiksru quddiem in-nies u li ser isib xi nies mill-Isla biex jaghtuh xeba'. Hu kien jaghmillu hafna rapporti lill-appellant. Kien hemm hafna e-mails u ma jiftakarx li gara xi haga partikolari fit-3 ta' Dicembru, 2007. Darba kien hemm telefonata lil missier ix-xhud f' xi l-10 pm. Hu pprintja l-e-mails li kien irceva fuq il-computer. Hu kien iddownloadja dawn l-e-mails mill-computer tieghu. Dawn qeghdin a fols 10 et sequitur.

Fuq fol-17 hemm website jghidulha Hi 5 fejn l-appellant kien kiteb u semma isem ix-xhud u kiteb xi affarijiet fuqu. Xandru ma kullhadd ghax dik jaqraha kullhadd. Issa kemm ilhom li spiccaw il-Qorti, kollox waqaf.

L-appellant kien ukoll ikkomunika mieghu permezz ta' messaggi SMS li jinsabu a fols 6,7, 8 u 9. Dawn kien ittraskrivihom hu bil-computer u wara qabblu n-numri ma tal-Vodafone.

**In kontro-ezami,** x-xhud qal li hu ma kien editja xejn minn dak riprodott. Dahal fih b' *edit message*, billi ghamel *copy* u tefaghha fuq karta biex ipprintjha. Umbaghad gabarhom kollha f' daqqa. Hu kien nizzel ukoll il-messaggi li kien baghat hu stess. Ghall-bidu hu kien jirrispondieh lill-appellant mhux fis-sens ta' glied. Kien jirrispondieh f' sens tajjeb biex ma jkomlpix ikabbar l-affarijiet imma umbaghad, meta beda' jara li wara li jmur jirraporta lill-Pulizija, jibqa' jircevi e-mails xorta, kull tant kellu jirrispondieh xi haga. Pero' dawn mhumiex imnizzlin fid-dokument esebit.

Hu kien dam fir-relazzjoni mal-appellant sentejn, sentejn u nofs. Hu ma kienx jaf il-*password* biex tidhol fis-*site* tal-appellant. Accetta dak li gie suggerit lilu mid-difensur li hu seta jidhol fuq is-*site* per mezz ta' hbieb komuni li kellhom u jaghmel il-kummenti tieghu. Mhux kwistjoni li jahfirlu lill-appellant kif gie suggerit lilu mid-difiza imma issa kien waqaf kollox.

**Guzeppi Carabott** xehed li hu missier ix-xhud precedenti w li l-appellant kien ilu sentejn jidhol u johrog go daru; mhux jorqdu flimkien, hbieb w, meta nkisret ir-relazzjoni ta' ibnu mal-appellant, inqalghu hafna problemi ma ibnu. L-aktar haga li x-xhud ha bi kbira kienet meta l-appellant cempillu fl-10.30 pm. lejn nofs Dicembru 2007 u qallu : *"It-tifel ghidlu joqghod kwiet ghax issibu mejjet go ghalqa.*" Ghalhekk hu mar ghamel rapport lill-Pulizija. Hu kien siefer lejn l-Awstralja fil-15 t' Ottubru w kien gie lura Malta fit-8 ta' Dicembru, 2007 u ma urewh b'xejn lilu w lill-mara tieghu. X' gara qabel it-3 ta' Dicembru, ma jaf xejn. Meta rasslu lit-tifel bil-karzza wara t-8 ta' Dicembru kien. Jaf li qabel ibnu kien ghamel rapporti lill-Pulizija ghax qallu ibnu.

Fl-affidavit tieghu, **PS 645 Jerry Attard** iddikjara li fil-5 ta' Novembru, 2007, ghall-habta a' 19.30 hrs., waqt li kien l-ghassa ta' Birzebbugia, Michael Carabott kien irraporta li kien qed jircevi telefonati anonimi fuq il-mobile tieghu w kif jirrispondi beda' jaqtalu, kif ukoll irceva diversi SMS's fuq il-mobile tieghu numru 99872716 minghand mobile numru 9954 7157 fejn gie mhedded li qed jigi mghasses u li kien ser jaqla' daqqa ta' mus. Dan in-numru kien ta' David Paris li Carabott kien temm relazzjoni mieghu madwar tlitt gimghat qabel. Carabott kompla jircevi SMS's minghand David Paris illi kien ser jibqa' jibghatlu l-messaggi w, f' wiehed mill-messaggi, qallu li kien qed ikun ma dik il-qahba u kien qed jirreferi ghall-Letizia Fenech. Carabott qallu wkoll li hu kien ghamel cheque ta' LM400 sabiex ihallas lil David Paris ta' xi affarijiet li kien xtralu mill-internet. Carabott kien ipprezenta lil Pulizija diversi e-mails li kien fihom diversi insulti w theddid u qal li kien baghthomlu David Paris.

Il-Pulizija kienet kellmet lil David Paris li qal li n-numru 9954 7175 ma kienx tieghu u li mhux vera kien hedded lil Carabott.  Meta gie mistoqsi dwar l-indirizz tal-e-mail tieghu, Paris kien ikkonferma illi l-e-mail address tieghu hu: "hisroyalhighness@hotmail. Com" .

Meta l-Pulizija kellmet lil Rita Carabott din qalet illi n-numru tal-mobile 9954 7175 kien tahulha David Paris

stess kif ukoll huwa kien talabha numru taghha 9983 0465 sabiex icempillha u tkun tista' taghmlu *save* fil-mobile taghha .

**L-appellant** ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti u ergo ma setax jixhed quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-inammisibilita' tal-estratti ta' SMS messages, tal-e-mails (dok. MC esebiti minn Michael Carabott) u tal-okkorrenzi (dok. A) esebiti. Dawn l-estratti ta' SMS messages jinsabu esebiti a fols 6 sa 9 tal-process u minn fol.10 sa 16 tal-process hemm kopji ta' e-mails. A fols. 17 u 18 hemm kopji ta' informazzjoni "*downloaded*" minn ***Hi 5 site*** tal-appellant li fiha hemm riferenzi ghal certu "MIKE" li ghandu ***Hi 5 site*** jisimha: "MIKEATMARSAXLOKK" u li hemm ritratti tieghu b' malja hamra w tahthom hemm il-kliem "*my x he things (Sic!) im always right, he says."*

Umbaghad a fol. 42 u 43 hemm *downloaded* zewg pagni mill-***Hi 5*** ta' certu Mike b' kummenti pjuttost negattivi w baxxi fil-konfront tieghu. (dok. MC2 esebiti minn Michael Carabott)

L-okkorrenzi (Dok A.) jinsabu esebiti a fols 20 sa 39 tal-process u a fol. 40 u 41 hemm listi ta' SMS's li rceva n-numru 9987 2716 bejn it-3 ta' Novembru w l-5 ta' Novembru, 2007, (dok. MCJ esebiti minn Maria Jose' Cutajar).

Illi fir-rigward tal-okkorrenzi (Dok. A), jibda' biex jinghid li ghalkemm l-akkuza tirriferi ghad-data tat-3 ta' Dicembru, 2007 u x-xhur ta' **<u>qabel,</u>** uhud mill-okkorrenzi esebiti w partikolarment dawk li jinsabu a fols. 22 sa 23, 24 sa 26, 27 sa 28, 33 sa 34, 35 sa 36, u 37 sa 39 kollha jirriferu ghal dati ta' rapporti li saru wara t-3 ta' Dicembru, 2007 u ghalhekk strettament huma irrilevanti ghall-akkuzi dedotti kontra l-appellant. L-unici okkorrenzi li jirriferu ghall-dati li jaqghu fil-parametri tal-akkuzi huma dawk a fols. 20 sa 21, (li tirriferi ghall-incident li gara fit-3/4 ta' Novembru, 2007),

fols. 29 sa 30 (li tirriferi ghal rapport dwar l-istess dati imma fuq ilment differenti) u a fols. 31 sa 32 (li tirriferi ghall-incident li gara fil-4/5 ta' Novembru, 2007).

Terga u tghid ghalkemm minn dawn it-tlitt okkorrenzi, l-ewwel tnejn iddahhlu minn WPC 239 Mary Rose Pace, u t-tielet wahda minn WPC 257 Maria Letitia Fenech, hadd minnhom ma tela' jixhed biex jikkonfermhom quddiem l-Ewwel Qorti. Lanqas ma gew prodotti bhala xhieda l-"*officers involved with incident"* li kienu l-istess WPC Pace u PS 827 Edward Grech, fl-ewwel zewg okkorrenzi. Kien biss PS 645 Gerald Martin Attard li kien l-"*officer involved with incident"*, fir-rigward tal-ahhar okkorrenza li xehed bl-affidavit fuq riprodott. Fl-affidavit ma semmiex l-okkorrenza jew li kien qed jikkonferma l-kontenut taghha.

L-unika xhud li xehdet quddiem l-Ewwel Qorti biex esebiet id-dokument A u cioe' l-okkorrenzi kollha fuq imsemmija kienet WPC 90 li pero' ma kienet bl-ebda mod involuta fit-tehid tar-rapporti mill-kwerelant jew fl-investigazzjoni taghhom jew fl-*entry* tal-okkorrenza.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-aggravju tal-appellant li dawn id-dokumenti ma humiex ammissibbli bhala prova tal-kontenut taghhom hija gustifikata. Jistghu, al massimu, jitqiesu biss bhala prova li fid-dati in kwistjoni l-kwerelant Carabott kien ghamel rapporti fl-ghassa ta' Birzebbugia fil-konfront tal-appellant izda xejn aktar. Konsegwentement, ebda ammissjoni - u bl-istess mod ebda cahda - tal-appellant kontenuta fihom ma tista' tittiehed bhala prova f' din il-kawza.

Illi ghar-rigward tal-estratti mill-e-mails u messaggi bl-SMS li esebixxa Michael Carabott, dan ikkonferma li tal-ewwel kienu gew *downloaded* minnu minn fuq il-computer tieghu w migbura kif jidher fid-dokument MC mill-folios 10 sa 14 tal-process u l-SMS messages kienu gew traskritti minnu w riprodotti fl-istess Dokument MC minn folios 6 sa 9 tal-process. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemm xejn x' josta ghall-ammissibilita' ta' dawn id-dokumenti w ma kienx hemm il-htiega li jigu esebiti l-computer innifsu jew il-mobile phone ta' Carabott quddiem l-Ewwel Qorti, biex

dawn l-estratti jaghmlu prova skond il-ligi, ladarba Carabott xehed bil-gurament - u bla ma gie kontradett minn xi prova kuntrarja - li kien nizzilhom u hadhom minn fuq dawn iz-zewg apparati. S' intendi mbaghad wiehed irid jara sa fejn tista' twassal din il-prova partikolarment dwar il-paternita' tat-test inkriminat.

Illi ghar-rigward tal-SMS's, ir-rapprezentanti tal-Vodafone, ix-xhud Cutajar, quddiem l-ewwel Qorti esebiet id-dokument MCJ li hija lista' ta' SMS messages li saru bejn it-3 ta' Novembru, 2007 fid-19.14.33 hours u l-18.21.35 hours tal-5 ta' Novembru, minn numri 356 9929 4707 u 356 9954 7157 lin-numru 9987 2716 tal-istess Michael Carabott. Il-hinijiet ta' dawn it-telefonati, hlief ghal differenza zghira ta' xi sekondi - li tista' tkun attribwibbli ghal setting hazin tal-hin tal-mobile phone - jikkombacjaw mal-hinijiet ta' messaggi li xehed li rceva Michael Carabott u partikolarment dawk li gew minnu traskritti w li huma traskritti w riprodotti a fols. 7, 8 u 9 tal-process.

Il-kontenut ta' dawn il-messaggi hu manifestament ingurjuz, jikkontjeni theddid dirett u anki velat apparti kliem oxxen u sahansitra dagha.

L-istess japplika ghad-*downloading* u *cut and paste* tal-e-mails li Carabott jghid li rceva minn ghand hisroyalhighness@hotmail.com li skondu hi l-*website* tal-appellant. L-appellant ammetta ma PS Atrtard li dan hu l-indirizz tal-*website* tieghu skond ma ddikjara fl-affidavit l-istess Surgent. Ma ngabet ebda prova kuntrarja ghal dan. Ghalhekk ma hemm xejn x' josta li dawn l-estratti ta' e-mails jigu esebiti w ikunu ammissibbli bhala prova

L-istess ukoll japplika ghall-*downloading* mill-***Hi 5*** *website* ta' David Paris li jinsabu a fols. 17 u 18. Din skond Carabott hi l-*website* tal-appellant u ma ngabet ebda prova kuntrarja ghal dan u, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghala tiddubita li din il-*website* hi fil-fatt tal-appellant li tieghu sahansitra hemm ritratt fuq nett ta fol. 17 u ta' fol. 18. Din il-*website* taghmel kummenti avversi w ingurjuzi fil-konfront ta'

Carabott li hu identifikat bir-ritratt tieghu kif fuq intqal bhala ***"my x",*** igifieri l-ex-amanti tieghu.

Ma hemm xejn fil-ligi li jirrendi dawn il-provi inammissibbli, hlief ghar-rizervi fuq maghmula dwar paternita' fejn hu l-kaz.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh biss fir-rigward tal-okkorrenzi Dok. A u fil-limiti fuq traccati w respint fir-rigward tad-dokumenti l-ohra kollha esebiti.

Ikkonsidrat;

Illi pero' konsiderazzjoni importanti li jidher li sfuggiet kemm lill-Ewwel Qorti kif ukoll lill-partijiet kienet il-fatt li dawn id-dokumenti li jikkontjenu kliem manifestament ingurjuz u theddid serju, ladarba jikkonsistu fi stampat, ma jistghux jikkostitwixxu l-element materjali tar-reati kontemplati fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni. Dan ghaliex, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Nigel Holland"** [16.10.2008], fejn il-kitba inkriminata ssir permezz ta’ stampat u mhux bil-kitba fis-sens kif kostantement interpretat fil-gurisprudenza nostrana, japplika dak li gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Sciberras et**" [21.1.1997]. F'din l-ahhar sentenza kien gie deciz li: *"Meta l-legislatur qed jitkellem dwar **"stampat <u>b' tipi</u> tipografici**" ("printed in typographical <u>characters"</u>, fit-test Ingliz) fl-Att Dwar l-Istampa, Kap. 248, l-emfasi mhux fuq il-<u>process</u> tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku (“composing type and printing from it" Collins English Dictionary "v. tipography", jew process jew sistema, sija mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal per ezempju phototypesetting, bl-uzu ta' typewriter, l-uzu ta' printer tal-kompjuter, diversi forom ta' "offset printing") hu irrilevanti*." (ara ukoll : **"Tabib Dr.**

**Henry Copperstone et at vs. Publio Schembri"** App. Krim. [18.3.1961], deciz mill-Qorti Kriminali li dak iz-zmien kienet tisma appelli minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati fir-rigward tal-allura Kap.117 u **"Dr. Joseph Ciappara vs. Joseph Zammit**" - Prim' Awla [7.5.1991] )

Ghaldaqstant jidher ovvju illi kull akkuza li talvolta setghet tigi dedotta kontra l-appellant fir-rigward tal-*e-mails,* l-*sms messages* u l-*entries* fl-***Hi 5*** *website,* ossia fir-rigward ta' stampati b' mezzi elettronici, kellha f' dan il-kaz tkun akkampata taht *"The Press Act"*, Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta w mhux taht l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali, li tahtu jidher li sabet htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-Ewwel Qorti. (ara ukoll : **"Il-Pulizija vs. Rocco Abdilla"** [Vol. XLVI, p. iv. p. 788]; **"Dom Mintoff vs.Dun Saverin Bianco"** [4.10.1961]; **"Avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri vs. Quintano et"** Prim' Awla 29.12.82]; **"Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**" [Appelli Nru. 79/2006 u 80/2006] u ohrajn.).

Ikkonsidrat;

Illi mid-depozizzjoni tal-appellant ma jirrizultax li meta l-appellant kien cempillu direttament u kellmu - ghad-distinzjoni ta' komunikazzjoni bl-*e-mails, SMS messages*, eccetera - kien ingurjah. Hu semma biss li meta cempillu kien heddu f' diversi telefonati filli:- *" jghidlu li jekk jarah barra jatihielu fuq wiccu, jiksru quddiem in-nies u li ser isib xi nies mill-Isla biex jaghtuh xeba'."* Dan l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu invece fir-reat kontemplat fil-kontravvenzjoni taht l-artikolu 339(e) tal-Kodici Kriminali u cioe' proprju r-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni li "*volontarjament,* ***<u>bi kliem,</u>*** *insolentajt jew* ***<u>heddidt</u>*** *lil Michael Carabott*" (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti.) Illi din ix-xhieda ta' Michael Carabott fir-rigward ta' dawn it-telefonati ma hemmx raguni ghala m'ghandhiex titwemmen. Ma giet bl-ebda mod kontradetta ghajr b' dak li l-appellant qal lis-Surgent Attard meta cahad li hedded lill Michael Carabott. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ossia li fix-xhur ta' qabel it-3 ta' Dicembru, 2007, l-appellant gab ruhu b' mod li ta fastidju lil Michael Carabott u b' mod li kien jaf jew li kien missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal Carabott, b' diversi atti maghmulin minnu ta' hekk fastidju, din il-Qorti tara li din tirrizulta ampjament.

Ghalkemm l-*e-mails, SMS messages* u *postings* fil-*website* tal-appellant ma kienux prosegwibbli skond l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali izda taht il-Press Act, kif fuq intqal, cio'nonostante dan ma jfissirx li dawn l-atti ripetuti ta' ingurji w theddid gravi ma kienux jikkostitwixxu ukoll l-element materjali tar-reat ta' fastidju kontemplat fl-artikoli 251A u 251C tal-Kodici Kriminali.

Illi r-reat ta' “fastidju” (fit-test Ingliz *“harassment*”) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u nkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’ reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’ : (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata’ jew idejjaq lill-persuna.

(*“alarming the person or causing the person distress”* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *”harassment”.* Issa fil-waqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista’ mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta’ dawn it-tip ta’ reati li ta’ sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F’sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista’ jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz *“stalking*”. Dan l-agir jista’ jkun provokat minn diversi ragunijiet jew “*patterns of behaviour”.* Jezistu per ezempju kazijiet ta’ ***“rejected stalkers”*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-*“rejection*” mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta’ *“resentful stalkers”* li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-*“intimacy seekers”* li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta’ mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-*“erotomanic stalkers”* li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta’ *stalker* hu dak tal-“*incompetent suitor”* li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta’ inadekw atezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-*“predatory stalker”* li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta’ xi tip ta’ attakk sesswali. (ara : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez** [21.6.2007] u "**Il-Pulizija vs. Massimo Trivisini** " [27.2.2009] )

Dan hu proprju kaz ta' *"rejected stalker"* ta' ragel li hassu tradut jew "*cheated"* li l-amanti tieghu temm ir-relazzjoni li kellu mieghu. Hu rritalja billi, fuq firxa ta' zmien, b' mod persistenti, li jirrazenta l-ossessjoni, nfexx f' sensiela ta' insulti w theddid gravi fil-konfront tal-ex amanti tieghu.

Dan it-tip ta’ agir hu kalkolat li johloq certa biza’ f’ dak li jkun b’mod li johloq sensazzjoni li qed tigi mghasses u mpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata meta, ghab-bazi tal-provi prodotti,  sabet ukoll htija tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet fir-rigward.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju sussidjarju dwar il-piena, din il-Qorti, fil-waqt li tqis li l-provvediment tal-Ewwel Qorti ta' sentenza ta' prigunerija sospiza kien gust u ekwu f' dan il-kaz, tqis li in vista tal-konkluzzjoni taghha dwar it-tieni imputazzjoni, li minnha issa l-appellant ser jigi liberat, biss ghar-raguni teknika w legali fuq imsemmija, hemm lok ghal certu temperament fil-piena sospiza erogata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, (b' dana li r-reat taht l-ewwel imputazzjoni, ghall-fini tal-piena jigi assorbit f' dak taht it-tielet imputazzjoni peress li serva bhala mezz biex isir dan l-ahhar reat a tenur tal-art. 17 (h) tal-Kodici Kriminali), u fejn iddecidiet li ma tiehux provvedimenti ohra taht u ghab-bazi tal-Artikolu 383 tal-Kap.9;  tirrevokaha fejn sabet lil-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w fejn ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' xaharejn prigunerija sospizi ghal sentejn, u minnflok ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni w minnha tilliberah u tikkundannah ghal sitt gimghat prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-art. 28A tal-Kodici Kriminali, qed jigu sospizi ghal tmintax il-xahar.

Il-Qorti qed tfiehem lill-appellant il-konsegwenzi jekk huwa jerga' jikkommetti xi reat iehor li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija entro tmintax il-xahar mill-lum skond l-artikolu 28A u 28B u qed tattira l-attenzjoni tad-Deputat

Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-art. 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------